

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2007/2037(DEC)**

27.2.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2006  
(SEC(2007)1056 - C6-0390/2007 - 2007/2037(DEC))  
(SEC(2007)1055 - C6-0362/2007 - 2007/2037(DEC))

Taqsimha III – II-Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Georg Jarzembowski

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

1. Jinnota li fil-baġit ta' l-2006, kif adottat b'mod finali u emendat matul is-sena, total ta' EUR 963.8 miljun kienu inklużi għall-politiki tat-trasport f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 891.4 miljun kienu disponibbli f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota wkoll li minn dawn l-ammonti:
  - EUR 699.8 miljun kienu disponibbli f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 684.0 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti tan-Netwerks Trans-Ewropej għat-Trasport (TEN-T),
  - EUR 18.1 miljun kienu disponibbli f'impenji u EUR 19.1 miljun fi ħlasijiet għas-sikurezza fit-trasport,
  - EUR 36 miljun kienu disponibbli f'impenji u EUR 11.7 miljun fi ħlasijiet għall-programm Marco Polo,
  - EUR 5.5 miljun kienu disponibbli f'impenji u fi ħlasijiet għall-proġett pilota dwar is-sikurezza fit-trasport ta' tagħbija fit-toroq, u l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ġew imnaqqsa għal EUR 0.15 miljun permezz tat-trasferiment globali;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rati kontinwament għoljin ta' l-użu kemm ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji kif ukoll għall-ħlasijiet għall-proġetti tan-Netwerk Trans-Ewropew (TEN-T), li t-tnejn li huma jilħqu l-100%, u jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li jitqiegħdu fondi adegwati mill-baġits nazzjonali biex jikkumplementaw dan l-impenn tal-Komunità;
3. Jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ta' l-użu ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji għas-sikurezza fit-trasport (34%), li minħabba f'hekk, permezz ta' 'carry-over', parti kbira mis-somma li inizjalment kienet disponibbli għall-2006 issa tqiegħdet ma' dik ta' l-2007, u r-rata baxxa ta' l-użu ta' l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-Programm Marco Polo (44.8 %), u partikolarment hu mħasseb dwar ir-rata baxxa ħafna ta' l-użu ta' l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġett pilota dwar is-sikurezza fis-settur tat-toroq tat-TEN-T (29.6 %) - in parti minħabba dewmien fl-iffirmar tal-kuntratti u, b'konsegwenza ta' hekk, inbeda tard il-proġett pilota; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex fil-futur is-sejħa li tagħmel għall-proposti u għall-offerti ssir kmieni kemm jista' jkun sabiex isir użu sħiħ mill-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja sabiex jiżguraw li, meta l-baġit għall-proġett pilota jiġi adottat, jinstab il-bilanċ ġust bejn l-ammonti disponibbli fl-approprjazzjonijiet għall-impenji u f'dawk għall-ħlasijiet u li dak il-bilanċ jirrifletti l-fatt li ż-żmien meħtieġ sabiex il-proġetti jitwasslu sa l-istadju tal-ħlas ikun normalment iktar minn sena baġitarja waħda;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-analiżi tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni ta' l-istandards interni ta' kontroll dwar ir-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji sottomessi turi li dawk it-tranżazzjonijiet li saru mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport huma konformi mar-rekwiżiti fl-oqsma ta' l-analiżi tar-riskji u tat-tmexxija, tal-ġestjoni ta' l-informazzjoni, tar-rappurtar ta' l-improprietajiet u tas-superviżjoni; madankollu jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport sabiex janalizza t-tipi u r-rati ta' żbalji biex tiġi żviluppata strateġija ta' kontroll ibbażata fuq ir-riskju fir-reviżjoni ex-ante tiegħu dwar id-dikjarazzjonijiet ta' l-ispejjeż li jaslu minn għand dawk li jibbenefikaw mill-fondi;
  
6. Jipproponi li, fir-rigward tas-setturi li l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu hu responsabbli għalihom, il-Parlament jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

|   |  |
|---|--|
| <b>Data ta' l-adozzjoni</b>                         | 26.2.2008  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>               | +: 33<br>-: 2<br>0: 0  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>      | Gabriele Albertini, Inés Ayala Sender, Paolo Costa, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Robert Evans, Emanuel Jardim Fernandes, Brigitte Fouré, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Dieter-Lebrecht Koch, Sepp Kusstatscher, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Seán Ó Neachtain, Willi Piecyk, Reinhard Rack, Luca Romagnoli, Brian Simpson, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Georgios Toussas, Yannick Vaugrenard, Lars Wohlin, Roberts Zīle |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Zsolt László Becsey, Philip Bradbourn, Anne E. Jensen, Helmuth Markov, Vladimír Remek, Leopold Józef Rutowicz, Ari Vatanen, Corien Wortmann-Kool   |